Kunsill Lokali
Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**
**IT-TMIEN KUNSILL**
**SEDUTA NRU. 43 – 22 ta' Settembru 2022**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficju tal-Kunsill Lokali Għajnsielem nhar il-Ħamis 22 ta' Settembru 2022 fl-4:00pm ta' wara nofsinhar.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti** | Kevin Cauchi | Sindku |
| | Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |
| | Shawn Portelli | Ambaxxatur |
| **Skużat** | Teddy Saliba | Kunsillier |

**43.1 Talba**

43.1.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Kevin Cauchi.

**43.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

43.2.1 Inqraw il-minuti u ġew approvati.

**43.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija**

43.3.1 Inqrat l-ittra ta' apoloġija tal-kunsillier Teddy Saliba peress li ma setax jattendi għax kellu funeral familjari.

**43.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

43.4.1 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li kellu mas-COO tal-Libreriji Elizabeth Ebejer wara li din ġiet bħala *mystery shopper* u ġibditilna l-attenzjoni ta'xi punti bħalma huma li t-truck tal-Kunsill ma għandux ikun fid-drive-in waqt il-ħin tal-ftuħ tal-librerija. Hija proponiet li għandna nżidu aktar sinjali li jindikaw fejn hi l-librerija u s-Sindku kellu l-opportunita' li jiddiskuti magħha d-dettalji tal-proġett il-ġdid.

43.4.2 Is-Sindku rrefera wkoll għall-progett ieħor ġdid li ser nidħlu fih taħt Interreg Italia - Malta bl-isem 'Corallo'. Dan il-proġett għarrafna bih Profs Alan Deidun u jidher li jekk nissieħbu fih ikun għadd ta' beneficcji bħalma huwa l-Amppa għax jikkumplimenta miegħu. Il-Kunsill qabel li għandu japplika biex ikun partner f'dan il-proġett.

43.4.3 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li żammejna għal dawk kollha li ser jipparteċipaw fil-mawra fl-Italja, Slovenja u Austria. Il-laqgħa nżammet minn Lawrence Sciberras (Sisu Tours) . Ir-rispons għal din il-laqgħa kien wieħed tajjeb ħafna u mimli entużjazmu.

43.4.4 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għall-Cleanup Event li saret nhar is-16 ta' Settembru. Huwa kien sodisfatt bil-grupp kbir ta' parteċipanti iżda l-unika dispjaċir tiegħu huwa li ma kienx hemm nies mil-lokal. F'din il-Clean up inġabru madwar ħamsin xkora u kellna għajnuna mill-Malta Cadets li għamlu abseiling mas-sies ta' Lourdes u mill-Gozo Anglicans Group. Kellna wkoll l-għajnuna mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fejn bis-sahħa tal-fondi miksuba printjajna tshirts ta' Għajnsielem Tagħna' u ixtraw wkoll pickup sticks u ingwanti heavy duty sabiex jibqgħu jintużaw għal kull clean event li nagħmlu. Il-Clean up li jmiss hija pjanata għal taħt it-triq ta' Sant'Antnin.

43..4.5. Is-Sindku rrefera għall-kuntatt li kellu mas-Sur Joseph Scicluna dwar il-pubblikazzjoni tal-ktieb tiegħu dwar Chambray fejn issa wasal għal fazi tal-publikazzjoni u talabna sponsor ta' għajnuna. Dan il-ktieb jiswa €75 euro il-wieħed. Il-Kunsill qabel li għandna nixtru madwar 7 kopji.

43.4.6- Is-Sindku rrefera għal laqgħa li kellu ma' Dr Justyne Caruana u l Victim Support Agency fejn semmiet diversi inizjattvi li qed tieħu din l-aġenzija u hemm lok tajjeb ta' kollaborazzjoni bejn l-Kunsilli, din l-għaqda u r-residenti. Hemm potenzjal li nirriklamaw is-servizzi utli tagħhom u proponalha sabiex jikkuntatjaw ukoll lill- Parroċċi biex ixandru dawn is-servizzi.

43.4.7. Is-Sinku rrimarka li hekk kif Triq Bwier tlestiet mis-servizzi ta' new water, drenaġġ u ilma tad-djar issa ingħatat wiċċ ġdid ta' tarmac li ikkumpelenta sew il-bini ta' ħitan tas-sejjieħ ġdid li saru mill-Ministeru għal Għawdex. Billi kien hemm ħafna inġenji u traffiku, ġġarfu xi ħitan tas-sejjieħ u talab li jitqabbad kuntrattur sabiex jibnihom. Il-Kunsill qabel ma dan.

43.4.8 Is-Sindku għamel referenza għax-xogħolijiet ta' tisbiħ li qed isiru mill-ħaddiema tal-Kunsill fuq il-bankina taċ-Ċimiterju. Huwa propona li fuq il-bankina nagħmlu salib tal-mosaic u ninkarigaw lil Mary Portelli biex tagħmlu. Huwa spjega li diġa ddiskuta din il-materja mal-arcipriet u ma sab l-ebda oġġezzjoni. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

43.4.9 Is-Sindku rrefera b'sodisfazzjon għal fatt li l-kamra tal-pompa tal-Water Services Corporation li kienet tinsab fi Triq il-Bwier tneħħiet wkoll u b'hekk telaq periklu ieħor ta' blind spot mnn din it-triq. Huwa rrefera għall-ħtieġa li jerġgħu jiġu nstallati t- traffic humps u qed jiġi suġġerit li waħda terġa teħel fl-istess post cioe' ftit il-fuq minn Triq Cordina iżda l-oħra teħel fejn kien hemm l-pompa l-antika tal-WSC u mhux fejn iċ-ċimiterju. Il-Kunsill qabel ma' dan.

43.4.10Is-Sindku rrefera għal-kalendarju kulturali ta' Għawdex għall-2023 fejn talbuna nagħrfuhom bl-attvitajiet prinċipali tagħna. Sar qbil li għandna ninfurmawhom bl-attivita' tal-Halloween, Iljieli Sajfin, St. Patrick's, GħajnsielemFest, Cocomlelon Night u Echoes from the Seas u Milied u Bethlehem f'Għajnsielem.

43.4.11 Is-Sindku għamel referenza għal-laqgħa li ser issir dwar il-30 anniversarju tal-Kunsilli Lokali bħala parti mill-proċess ta' Konsultazzjoni għall-Istrateġija tal-Gvern Lokali, fejn l-Onor Zerafa Civelli ser tkun qegħda tiltaqa' mal-Kunsilli Lokali Għawdxin nhar is-17 ta' Novembru 2022 bejn is-2.30pm u l-4.30pm. Il-laqgħa hija miftuħa għall-kunsilliera u Segretarji Ezekuttivi kollha.

43.4.12 Is-Sindku rrefera għall-proposta oħra li kellna sabiex intellgħu show tal-karozzi antiki bħala parti mill-Vintage Motors Festival 2022 nhar il-Ħadd 23 t'Ottubru. Il-Kunsill se jkun qed jgħin għal darb'oħra fil-loġistika. Il-Kunsill qabel dwar dan.

43.4.13 Is-Sindku fakkar fiċ-ċerimonja ta' Jum it-Tifkira li ser tinżamm nhar il-Ħadd 13 ta' Novembru. Sar qbil li bħas-soltu nipparteċipaw fil-quddiesa li tikkommemora t-tifkira tal-vittmi u wara ssir iċ-ċerimonja quddiem il-monument.

43.4.14. Is-Sindku rrefera għall-preparamenti tat-tindif tal-*waterculverts* tax-xita. Huwa spjega kif tnaddfu il-*culverts* kolla madwar il-lokalita' u tnaddaf wkoll il-Wied ta' Triq Simirat mit-terrapien, tneħħiet il-grada ta' mnejn jgħaddi l-ilma fil-parti ta' fuq ta' Triq Wied Rghajjes. Fuq pjan fit-tul hemm ippjanat diversi interventi anke permezz tal-proġett tal-water catchment tal-Pjazza tad-Dehra, il-playingfield Amabile Cauchi u anke qed naraw kif se jitnaddaf l-ilqugħ tal-ilma u t-tielet progett fuq rakkommandazzjoni tal-idrologista huwa t-tindif tal-Wied ta' Simirat. Is-Sindku kompla jispjega kif il-Kunsill riċentament applika għal fondi taħt l-iskema GSI Water Catchment tal-Public Works sabiex jitnaddaf dan l-ilqugħ u permezz tiegħu jiġi finanzjat wkoll parti mill-proġett tal-Playingfield. Minn naħa l-oħra il-proġett tal-pjazza tad-Dehra se jkun iffinanzjat minn Ambjent Malta. Is-sindku spjega kif ġejna gwidati minn dawn il-periti li qed jigwidawna rigward l-ilqugh tal-ilma għall-liema skema għandna napplikaw. Il-Viċi Sindku Franco Ciangura propona li jinqatgħu biċċiet miċ-ċnut biex ma jżommx ilma fil-playing field biex nevitaw l-għargħar.

43.4.15 Is-Sindku Kevin Cauchi spjega kif sfortunatament bħala Kunsill sirna nafu mill-media li l-pompa l-antika fi Triq Martino Garces ġewwa ż-Żewwieqa x-Xatt se tinbidel f'cafeteria u l-makkinarju l-antik se jitneħħa minn hemm. L-applikanti huma l-Water Services Corporation. Huwa spjega kif dan huwa inaċċettabli għal fatt li l-ewwel nett l-Kunsill ma' ġiex ikkonsultat f'ebda stadju b'dawn il-pjanijiet u lanqas ġejna nfurmati mill-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex il-Kunsill jkollu possiblita li jagħti l-opinjoni tiegħu. Apparti hekk, l-Kunsill (u anke NGOs oħrajn) fis-snin l-imgħoddija kemm il-darba pruvaw jieħdu taht idejhom dan il-bini storiku sabiex jinbidel f'Exhibition Centre fuq tema marittima jew sajd jew anke użu ieħor relatat mal-fliegu. Is-Sindku propona li f'dan l-istadju l-l-Kunsill għandu jinkariga lill-Avukata Claire Bonello sabiex f'isem il-Kunsill tappella minn dan il-permess (PA/07820/21) li ħareġ fl-20 t'Settembru 2022. L-ispejjes tal-avukata jistgħu jigu klemjati mir-Reġjun Għawdex. Sabiex nkunu nistgħu nappellaw irridu ningħaqdu ma' Wirt Għawdex u nappellaw b'argument b'saħħtu li s-sit u li l-makkinarju huwa wirt storiku u għandu jibqa fuq il-post fejn hu u jinfetaħ għall-pubbliku bħala mużew jew ċentru tal-esebizzjoni.

## 43.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

43.5.1 Il-kunsillier Stephen Mercieca talab sabiex titnaddaf it-triq ta' Lourdes.

43.5.2 Il-kunsillier Larry Buttigieg talab dwar il-possibilita' li ssir *sleeping police* fejn hemm il-gabbana fi Triq ta' Lourdes peress li qed ikun hemm *excessive speeding* f'dan il-post. Is-Sindku rrefera għad-domanda kbira li għandna għal *sleeping police* apparti l-ispejjeż u għalhekk għalissa din it-talba għandha tkun pendenti.

43.5.3 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura rrefera għall-fatt li tpoġġew xi mwejjed tal-gabbana quddiem il-Frame li huwa post pubbliku.

43.5.4 Il-Vici Sindku Franco Ciangura rrefera ghal kuntatt li kellu ma' iben is-Sur Richard George Evans persuna li ghex hafna zmien Ghajnsielem, u kiteb xi kotba dwar Ghajnsielem u Kemuna. Ibnu jixtieq li nirrokonxxuh permezz ta' sigra/bank ad unur tieghu. Is-Sindku Kevin Cauchi propona li ghandna nhawwlu sigar sbieh quddiem l-iskola bhala parti mill-progett ta' Ambjent Malta.

43.5.5 Il-Vici Sindku Franco Ciangura rrefera għal- globi maħruqin li hemm mal-Knisja ta' Lourdes. Sar qbil li għandna nfakkru lill-kuntrattur Richarad Cauchi dwar din il-biċċa xogħol peress li ilha rapurtata żmien.

43.5.6 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura rrimarka li l-mera ta' Triq tax-Xatt għadha ma saritx.

43.5.7 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura rrefera għall-informazzjoni li waslitlu rigward il-bejgħ ta' Chambray u li qed jiġi mmarkat ix-Xatt l-Aħmar sabiex fih issir Yacht Marina. Is-Sindku semma' li dawn jistgħu biss ikun għidut għax ma għandna l-ebda nformazzjoni.

43.5.8 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura talab sabiex nitolbu għal refreshing tar-roadmarkings fil- Pjazza fejn Ta 'Tona Restaurant.

43.5.9 Is-Sindku Kevin Cauchi nforma li jinħtieġ li ssir żabra oħra lis-sigar tal- Pjazza tad-Dehra.

43.5.10 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura staqsa jekk hix ser issir CCTV f'Ta' Passi. Is-Sindku wiegħu li qed jara kif nistgħu nagħmlu sistema sħiħa f'postijiet pubbliċi u jiġu ffinanzjati jew mill-iskema tal-Milied jew inkella mill-fondi tad-DPF.

43.5.11 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura rrefera għall-proposta li ssir *teambuilding session* għall-għaqdiet. Huwa semma' li ser tinġabar stima u ser jibghatha lill-Kunsill u niddiskutuha fil-laqgha li jmiss.

## 43.6 Korrispondenza

43.6.1 Ġiet trattata l-korrispondenza mingħand l-iskultur għajnselmiż Joe Xuereb rigward l-esebizzjoni li ser itella' fil-Hotel Phoenicia fil-ġimghat li ġejjin. Sar qbil li għandna ngħinuh billi nisponsorjaw parti żgħira mill-ispejjes. Is-Sindku propona li għandna niċċekjaw miegħu kemm tiswielna repplika żgħira tal-monument tal-ġemellaġġ ma' Loretu li għadu kif għamel.

43.6.2 Ġiet trattat l-ilment rigward il-fatt li l-estenzjoni tal-bini tal-lukanda Grand Hotel jinkludi kostruzzjoni ta' twieqi kbar għal ġo għalqa tal-gvern. Is-Sindku spjega li ċċekja dwar dan u jidher li kollox huwa kopert bil-permess peress li hemm 5 piedi differenza bejn sit u ieħor.

43.6.3. Ġiet trattata t-talba mingħand residenta għal bozza ġdida fi Triq Kemmunett. Il-Kunsill qabel li għandha tiġi nkluża fil-lista.

43.6.4. Ġiet trattata t-talba mingħand resident biex jitranġa l-ħajt tas-sejjieħ li twaqqa' meta tneħħiet il-kamra tal-pumping station l-antika.

43.6.5 Ġiet trattata talba mingħand resident sabiex issir bozza ġdida fejn ir-residenza tiegħu fejn iċ-Ċimiterju. Sar qbil li din it-talba wkoll tiddaħħal fil-lista.

43.6.6 Ġiet trattata t-talba għal rampa quddiem residenza fi Triq il-Ġnien. Il-Kunsill qabel li din għandha ssir.

43.6.7 Ġiet trattata t-talba mingħand it-tmexxija tal-Kapella ta' Lourdes sabiex jipoġġa dustbin ġdid fejn il-knisja. Is-Sindku wieġeb li dan diġa sar mid-Dipartiment tal-Public Cleansing.

43.6.8 Ġiet trattata talba oħra għal rampa oħra quddiem residenza fi Triq il-Ġnien. Il-Kunsill qabel ukoll li din tiġi mwettqa.

## 43.7 Wara l-Isteering Committee tal-Amppa f'Ustica

43.7.1Is-Sindku spjega kif bejn il-31 ta' Awwissu u l-4 ta' Settembru attendejt għal-workshop tal-AMPPA Interreg f'Ustica u Palermo ġewwa Sqallija fejn kien akkumpanjat għall-istess workshop mill-kunsilliera Stephen Mercieca u Larry Buttigieg. Huwa spjega li l-laqgħa' kienet utli ħafna għax matulha ġie diskuss l-proġett u l-way forward tiegħu. Kienet ukoll esperjeza interessanti fejn flimkien raw rħula iżgħar minn Għajnsielem iżda jieħdu b'serjeta kbira fejn jidħol protezzjoni Marittima u protezzjoni tas-snajja tas-sajjieda. Il-Kunsill se jkompli jaħdem f'dan il-proġett permezz ta' tnedija ta' tlett tenders li jikkonsitu f'żewġ studji rigward is-sajjieda u l-baħar marittimu u anke wkoll tender dwar ic-ċentru tal-interpretazzjoni marittima li ser isir fil-librerija il-ġdida.

## 43.8 Milied 2022

43.8.1 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għal-laqgħa li l-Kunsill kellu mal-Minsteru għal Għawdex nhar is-6 ta' Settembru fejn rajna x'possibila hemm fejn tidħol għajnuna finanzajarja għall-attiviajiet tal-Milied. Minn naħa tal-Ministeru kkonfermaw li l-fondi għall-attivitajiet kulturali naqsu u huma limitati kemm jgħaddulna flus għall-attivitajiet tal-Milied. Li jistgħu jgħinuna huwa permezz ta' ħaddiema tal-id. Sar qbil li sal-aħħar ta' Settembru rridu nippublikaw id-dati tal-ftuħ ta' Bethlehem f'Għajnsielem u l-inawgurazzjoni tas-siġra tal-Milied sabiex jiġu ppublikati fil-ktejjeb li jitqassam mid-Direttorat tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex.

43.8.2 Is-Sindku talab sabiex jingabru l-istmi sabiex isiru l-linef bħala attrazzjoni ġdida. Bħala tiżjin huwa rrakkomanda li nixtru aktar siġar tal-milied bħalma tpoġġew fit-taraġ is-sena l-oħra u issa jiżdiedu quddiem l-każini, nagħmlu xena tan-nativita artistika li titpoġġa fil-pjazza fejn il-pot tal-palm, aktar tiżijin fil-villaġġ ta' Santa Klaus,

aktar dwal fit-toroq u nintroduċu wkoll dwal fi Pjazza Tolfa u Triq il-Mogħdija fost l-oħrajn.

43.8.3 Il-Kunsill qabel li l-inawgurazzjoni tal-Mixgħela tas-Siġra għandha ssir nhar it-8 ta' Diċembru 2022 filwaqt li s-serata ta' Ġieħ Għajnsielem għandha ssir nhar l-10 ta' Diċembru 2022.

### 43.9 Bethlehem f'Għajnsielem 2022

43.9.1 Is-Sindku talab sabiex il-Kunsill jieħu deċizjoni jekk din l-edizzjoni hix ser issir. Bħala finanzjament għal din l-edizzjoni l-Kunsill għandu €20,000 mid-dipartiment tal-Kunsilli Lokali u mill-Ministeru għal Għawdex ġejna mwegħda sa massimu ta' €10,000. Irridu nieħdu inkonsiderazzjoni t-Tazza tad-Dinja fejn il-Finali se tkun fit-18 ta' Diċembru 4.00pm u Semi finali 13 ta' Diċembru 8.00pm iżda minn banda oħra bħala spejjes ta' strutturi m'hemmx ħsarat bħas snin ta' qabel u l-fatt li għadna ħaddiem stazzjonat dejjem fil-post huwa ta' għajnuna kbira wkoll. Il-Kunsill qabel li f'dan l-istadju ghandu jiltaqa' l-Kumitat ta' Bethlehem f'Ghajnsielem nhar it-Tlieta 27 t'Ottubru fis-6:30pm.

43.9.2 Il-Kunsill qabel li bħala parti mill-fondi allokati għall-edizzjoni ta' Bethlehem f'Għajnsielem, għandu jinvesti mat-€3000 minnhom f'CCTVs sabiex jiġi franka ħafna spejjeż ta' servizz ta' onsite security personel.

### 43.10 Halloween 2022

43.10.1 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għall-applikazzjoni għall-fondi mad-Direttorat tal-Kultura sabiex titella' l-attivita' tal-Halloween 2022 u r-risposta kienet li ser ningħataw €2,500. Il-ħsieb huwa li jsir is-Sibt 29 u l-Ħadd 30 t'Ottubru u xi ħaġa żgħira t-Tnejn 31 t'Ottubru apparti event għat tfal tal-iskola nhar il-Ġimgħa 28 t'Ottubru fejn nagħtu borża ħelu tal-Halloween lil kull tifel u tifla huma u ħergin mill-iskola.

43.10.2 Is-Sindku spjega li sabiex inkomplu nkabbru l-villaġġ tal-Halloween, ser jinxtraw aktar props u tiżdied il-kamra tal-injam u nġibu band is-Sibt u xi animazzjoni għat-tfal.

### 43.11 Ħatra ta' Bord ta' Evalwazzjoni tal-offerta tal-Latrina fi Triq J F de Chambray

43.11.1 Is-Sindku spjega kif din l-offerta ġiet ippublikata u ser tagħlaq nhar l-Erbgħa 28 ta' Settembru 2022. Il-Kunsill qabel li l-Bord tal-Evalwazzjoni għandu jiltaqa' kemm jista jkun malajr u li għandu jkun kompost mill-Perit Shawn Micallef, mill-Avukat Joshua Grech, mis-Sur William Sultana, mis-Sindku Kevin Cauchi u mis-Segretarju Eżekuttiv Lucienne Haber.

### 43.12 Approvazzjoni tar-rapport tal-Evalwazzjoni tal-Belvedere ta' Triq il-Qigħan

43.12.1 Għal din it-tender intefgħu żewg offerti mingħand:-

- Road Structures Ltd għall-prezz ta' €78160 u mingħand
- Mark Attard għall-prezz ta' €89,375.

43.12.2 Wara li l-Bord Evalwa l-offerti sottomessi, irrakkomanda li l-għażla taqa' fuq l-orħos offerta li hija wkoll kompatibbli dik tar-Road Structures Ltd.

43.12.3 Il-Kunsill qabel mar-rakkomandazzjoni tal-Bord u li din l-offerta għandha tiġi milqugħa.

**43.13 Updates Proġetti**

43.13.1 Is-Sindku Kevin Cauchi ta update tal-proġetti li għaddejjin bħalissa fosthom:

43.13.12 **Resurfacing ta' Triq Ħamri** - Il-Kunsill qed jiġri wara l-kuntrattur sabiex titkompla it-triq. Li jonqos sabel tinbeda huwa li niltaqgħu mal-uffiċjali tad-Drenaġġ u jkun mistenni li jinbeda x-xoħol.

43.13.3 **Pjazza Tolfa** - Is-Sindku għamel referenza għall-applikazzjoni tad-DPF li sabiex nikkwalifikaw għall-100% funding irridu nissieħbu ma' entita oħra. L-Eko-Għawdex ikkonfermat li tissieħeb bħala partner magħna għad-DPF.

43.13.4 **Playingfield Gudja** - Ix-xogħol tkompla għaddej u prattikament il-qafas tac-cement lest. Ser jitgħadda d-dawl u wara jmiss it-tħawwil tas-siġar, tpoggija ta' madum u kurduni imbgħad eventalwment jitwaħħal il-playingfield equipment. Id-deadline tal-proġett hija fit-30 ta' Novembru 2022.

43.13.5 **Librerija u Ċentru Marittimu** - Is-Sindku spjega kif ix-xogħol beda fl-aħħar t'Awwissu fejn tneħħa s-saqaf u sar it-taraġ. Issa beda x-xogħol fuq is-sular ta' fuq. Il-Perit Godwin Sultana qed jaħdem sabiex jinħareġ it-tender ta' finishings u eventwalment tal-equipment sabiex il-librerija fiha tkun tħaddan wkoll ċentru edukattiv maritimmu bħala parti mill-proġett tal-AMPPA (Interreg).

43.13.6 **Public Convenience** - Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li t-tender għalaq u wasal biex jiġi evalwat mill-bord.

43.13.7 **Proġett Triq Qigħan** - Is-Sindku nforma lil-Kunsill li t-Tender wasal biex jiġi awarded u jigi ffirmat il-kuntratt mal-kuntrattur.

43.13.8 **Ġnien quddiem l-iskola Primarja** - Il-proċess tal-permess jinsab miexi.

43.13.9 **Proġett Water Catchment Pjazza tad-Dehra** - Il-perit qiegħed jlesti dokument tat-tender.

**43.14 Wara l-Iffirmar tal-Patt ta' Ħbiberija ma' Loreto**

43.14.1 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għall-patt ta' ħbiberija mal-Comune di Loreto li ġie iffirmat f'Jum il-Festa, 28 t'Awwissu bejn is-Sindku Kevin Cauchi u Viċi Sindku Nazzareno Pighetti li kien il-bidu għal

din il-ħbiberija ġdida u dejjiema mibnija l-ewwel u qabel kollox fuq id-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Loreto iżda wkoll fuq il-kultura u l-poplu taż-żewġ lokalitajiet. Id-delegazzjoni li kellna fostna kienet waħda għolja fejn kien hemm preżenti membri tal-Kunsill u anke l-President tal-istess Kunsill. Sfortunatament is-Sindku ta' Loreto ma' setax jkun fostna billi l-festa ta' Loreto organizzata mill-Kunsill kienet wisq qrib il-Festa tagħna. Kienet interessanti ferm il-laqgħa li saret għal għaqdiett nhar it-Tnejn 29 t'Awwisu fejn Paola Traferro tat preżentazjzoni mill-aqwa dwar Loreto u l-għaqdiet lokali qassmu dak kollu li għandom x'joffru f'dan il-ġemelaġġ.

43.14.2 Is-Sindku spjega li issa jmiss li jibdew it-trattattivi sabiex jsir ġemelaġġ uffiċjali u jkun rikonoxxukt fuq livell Nazzjonali u Ewropew. Fil-jiem li jmiss se nissotomettu l-applikazzjoni mad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali sabiex dan il-proċess jibda.

43.14.3 Is-Sindku nforma wkoll lill-kunsilliera kif ftit tal-ġranet ilu kellu x-xorti wkoll jiltaqa' mas-Sindku ta' Loreto, Moreno Pieroni li kien jinsab Malta fuq raġunijiet personali fejn flimkien ġiet diskussa l-esperjenza sabiħa li kellha id-delegazzjoni ta' Loreto fostna u pjanijiet ta' skambji għal futur.

### 43.15 Applikazzjonijiet ta' Skemi ġodda

43.15.1 Ġiet trattata l-iskema mnedija mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali bir-referenza SPI/SCI/9/2022 għall-Proġetti kapitali aktar b'saħħitom li minnha Kunsill jista jibbenifika sa' massimu ta' €100,000. Is-Sindku propona li għandna napplikaw għad-differenza tal-ispejjes meħtiega fil-proġett ta' Għajnsielem Learning Garden peress li l-proġett ser jiswa d-doppju tal-ammont mogħti ghalih mill-fondi tal-Unjoni Ewropea. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

43.15.2 Is-Sindku rrefera għall-iskema ġdida mnedija mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali għall-Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa' mill-Gvern Ċentrali -SPI/SCI/6/2022. Il-Kunsill qabel li se japplika sabiex jingħata pavimentar ġdid liz-zuntier tal-Knisja ta' Lourdes li huwa propjeta tal-Gvern iżda jinsab f'qagħda ħażina u fi bżonn kbir ta' manutenzjoni urġenti. Il-Kunsill huwa konxju mill-importanza ta' din il-Knisja bħala attrazzjoni unika u qabel li l-art għandha tiġi dekorata b'irħam lokali li jikkumplimenta lil din il-kappella storika. Il-Kunsill qabel li għandu jinkariga lill-Perit Shawn Micallef biex ikompli jaħdem fuq il-BOQ ta' dan il-progett peress li kien inbeda fl-amministrazzjoni ta' qabel.

43.15.3 Skema oħra li ġiet mnedija hija dik mill-MEEE li hija Skema għall-Kunsilli Lokali għal-Lokalitajiet Sostenibbli 2022. Il-Kunsill qabel li għandu japplika sabiex jingħata fondi għall-progett ta' Playingfield Amabile Cauchi li huwa xempju ta' proġett sostenibli fejn jidħol mmaniġjar u użu tal-ilma, b'element edukattiv, soċjali u ambjentali.

**43.16 Materji oħra**

43.16.1 Għal laqgħa attendew xi membri tal-Kumitat tan-Nar sabiex jiddiskutu mal-Kunsill aktar kollaborazzjonijiet flimkien u wkoll preżentaw xi proposti għal festa tas-sena li jmiss.

**42.17 Approvazzjoni tal-Pagamenti**

42.17.1 Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-iskeda tal-pagamenti għall-approvazzjoni. Il-pagamenti ġew approvati.

**42.18 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

42.18.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7:30pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 24 ta' Ottubru 2022 fl-4:00pm.

**Kevin Cauchi**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Eżekuttiv**